**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 31 ta' Mejju 2022**

**Fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 692/22/1GM fl-ismijiet:**

**Dorian Xuereb (ID 47280M)**

**vs**

**Kummissarju dwar is-Servizz Pubbliku**

**u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq fid-19 ta' Mejju 2022 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti biex iżżomm lill-intimati milli jkomplu bil-ħatra fil-Ministeru tas-Saħħa ta' Julian Fredrick Zammit Maempel jew persuna oħra bħala Konsulent Orthopaedic Trauma Surgeon b'interess speċjali fil-*lower limb reconstruction* minħabba li l-proċess tal-għażla ma kienx ġust u trasparenti.

Ir-rikorrent ġieb 172 marka u ġie t-tieni fost il-kandidati wara Zammit Maempel li kiseb 180 marka. Ippreżenta petizzjoni quddiem il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (KSP) li fiha lmenta li:

- il-Bord tal-Għażla ("il-Bord") ma mexiex mar-regoli meta ma tawx lill-kandidati s-*selection criteria*; naqsu milli jiddikjaraw *a priori* l-punti li kienu sejrin jiġu assenjati lil kull kriterju.
- L-iżball evidenti li l-Bord ma kienx assenja l-iktar marki għall-kriterji l-iktar importanti.
- Hu kien il-kandidat bl-iktar esperjenza.

Il-KSP ċaħditlu t-talbiet biex jingħata kopja tar-rapport tal-Bord tal-Għażla, u biex jinstama' *viva voce.*

B'deċiżjoni tad-29 t'April 2022 il-KSP filwaqt li kkonfermat li l-Bord ma nfurmax lill-kandidati bil-kriterji tal-għażla kif stipulat fil-*Manual on Industrial Relations and the Selection and Appointment Process under Delegated Authority in the Malta Public Service*, ikkonkludiet li dan in-nuqqas ma kienx poġġa lil xi kandidat fi żvantaġġ iktar mill-kandidati l-oħra; u li r-rikorrent messu ġibed l-attenzjoni tal-KSP meta ġie msejjaħ għall-*interview*. Ikkonkludiet li l-Bord indirizza l-punti mqajjma fil-petizzjoni u li l-għażla kienet saret skont il-mertu.

Art. 3 tal-Manual jistipula li "*The final selection criteria (but not the weightings) to be adopted in a selection process should be distributed to all candidates, as an attachment to the letter or e-mail notifying the candidates to attend an interview".*

Il-KSP wieġbet li:

- Il-proċess tal-ħatriet *de quo* huwa delegat skont Art. 110(1) tal-Kostituzzjoni. Ir-rwol tal-KSP huwa biss ta' regolatur. Il-ħatra ssir mill-Ministeru tas-Saħħa u mhux mill-KSP. Xogħolha lestietu u għalhekk m'hemm xejn x'tiġi inibita milli tagħmel.
- Ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt awtomatiku li jintgħażel hu.
- Il-mandat mhux għodda biex isir *arm twisting.*
- Ir-rikorrent jista' jsofri biss telf ta' qligħ. Jekk hemm żball, dan jista' jissewwa b'deċiżjoni fil-mertu. Fiż-żewġ każijiet ma jingħatax mandat t'inibizzjoni.
- Japplika l-prinċipju tal-proporzjonalita` skont l-Art. 873(3) tal-Kap 12. Il-Gvern sejjer isofru preġudizzju wisq ikbar minn dik tar-rikorrent.

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa ("Is-Segretarju") wieġeb li:

- Għalkemm huwa intimat, m'hemmx talba kontrih fir-rikors promotur.
- Ir-rikorrent m'għandux dritt *prima facie.* Il-fatt li applika ma jfissirx li kellu dritt jintgħażel hu.
- Ir-rikorrent ma weriex li sejjer isofri xi preġudizzju, għajr wieħed pekunjarju.
- Jekk jintlaqa' l-mandat is-servizz tas-saħħa jsofri preġudizzju ferm ikbar minn dak li jista' jsofri r-rikorrent.

Rat li fuq talba tar-rikorrent u fin-nuqqas t'oppożizzjoni mill-intimati, dan ir-rikors instama' flimkien ma' rikors ieħor għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bl-istess talbiet imressaq minn Sharon Zammit, kandidat ieħor li kkonkorriet għall-kariga in kwistjoni.

Semgħet id-depożizzjoni ta' Angele Cilia Degiorgio, prodotta mill-KSP, li stqarret li l-KSP mhix sejra tagħmel dak li hemm indikat fir-rikors promotur.

Semgħet id-depożizzjoni ta' Dr Ivan Esposito, rappreżentant tal-Ministeru għas-Saħħa, prodott mill-KSP, li ddikjara li d-Dipartiment kien bi ħsiebu jwettaq dak li qiegħed jiġi mitlub li ma jsirx fir-rikors promotur.

Semgħet id-depożizzjoni tar-rikorrent Dr Dorian Xuereb li esebixxa roster bl-operazzjonijiet li qegħdin isiru.

Semgħet id-depożizzjoni ta' Dr Sharon Zammit.

Semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors ġie mħolli għad-digriet *in camera.*

Ikkunsidrat:

In vista tad-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-KSP suċċitata, kif ukoll billi, minħabba delega, il-ħatra mhix sejra ssir mill-KSP, **il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba safejn hi diretta kontra l-KSP.**

Ir-rikorrent irrepeta t-talba tiegħu darbtejn; fl-ewwel waħda jsemmi liż-żewġt intimati u fit-tieni waħda lill-KSP biss. Minkejja din il-konfużjoni, it-talba kontra s-Segretarju hemm qiegħda u għalhekk l-**eċċezzjoni tal-istess Segretarju li m'hemmx talba diretta kontrih hija miċħuda.**

Kuntrarjament għal dak li jafferma s-Segretarju, id-dritt pretiż mir-rikorrent mhux dak li bilfors jintgħażel hu, imma li l-proċess tal-għażla isir *rite et recte* partikolarment in konformita` mal-prinċipji ta' smigħ xieraq. Ċertament jidher, mal-ewwel daqqa t'għajn, li r-rikorrent seta' nkisirlu dan id-dritt, anke għaliex il-KSP nnifisha ddikjarat li kien hemm irrogolarita` fil-proċedura tas-smigħ, għalkemm qalet li m'effetwax ir-riżultat. **Din l-eċċezzjoni hija miċħuda wkoll.**

L-anqas ma hija disposta l-Qorti taċċetta d-difiża tas-Segretarju li l-preġudizzju li talvolta jista' jbati r-rikorrent huwa wieħed pekunjarju li faċilment jista' jiġi rimpjazzat mill-Gvern. Kariga ta' konsulent bħal dik in kwistjoni ġġib mhux biss benefiċċji finanzjarji imma wkoll avvanz fil-karriera, prestiġju u awtorita` li l-valur tagħhom ma jissarrafx fi flus. **Il-Qorti tiċħad din l-eċċezzjoni wkoll.**

Is-Segretarju eċċepixxa wkoll li s-servizz tas-saħħa se jbati ferm iktar jekk jintlaqa' l-mandat milli jista' jbati r-rikorrent jekk jiġi miċħud (**Art. 873(3) Kap 12).** Il-Qorti semgħet lil Dr Livori jixhed u xejn ma kienet impressjonata bid-depożizzjoni tiegħu. Jidher ċar li filwaqt li bla dubju l-ħatra ta' konsulent sejra ttejjeb is-servizz, min-naħa l-oħra n-nuqqas ta' ħatra tiegħu mhix sejra tixħtu l-baħar. Milli fehmet il-Qorti, qiegħed jinħoloq *post* ġdid; mingħajru fl-aħħar snin saru u għadhom isiru bosta operazzjonijiet fl-assenza ta' konsulent. **Lanqas din l-eċċezzjoni m'hi aċċettabbli.**

Ir-rikorrent jallega li, jekk ma jintlaqax il-mandat, sejjer ibati **preġudizzju irrimedjabbli**. U appuntu hawn jinstab il-punt nevralġiku ta' din il-proċedura.

Il-funzjoni tal-provvedimenti kawtelatorji tiskatta minn żewġ esiġenzi kontradittorji: min-naħa l-waħda, l-ħtieġa li sentenza, biex tkun effettiva fil-prattika, tingħata mingħajr dewmien, u min-naħa l-oħra l-inettitudni tal-proċess ordinarju li jasal għad-deċiżjoni aħħarija istantanjament. Il-ħtieġa tal-għaġġla hi f'konflitt mal-ħtieġa ta' sentenza tajba: biex il-provvediment definittiv jitwieled bl-aqwa garanziji ta' ġustizzja, irid ikun ippreċedut minn sensiela sħiħa ta' attivita` li, biex titwettaq, jinħtieġ perjodu, spiss mhux qasir, ta' stennija; imma dan id-dewmien iġib miegħu il-periklu li l-pronunzjament definittiv, f'ġieħ il-perfezzjoni, jasal tard wisq, bħall-mediċina ġdida li sakemm tgħaddi mit-testijiet kollha trid iż-żmien u għalhekk tasal għand il-marid wara li jkun miet.

Il-provvedimenti kawtelatorji jipprovdu konċiljazzjoni bejn dawn iż-żewġ esiġenzi tal-ġustizzja ta' spiss kontrastanti: waħda tal-ħeffa, u l-oħra tal-ħsieb fil-fond. Huma jimxu bil-ħeffa, u b'mod sommarju, filwaqt li jħallu l-ponderatezza għall-proċess ordinarju. B'hekk jgħinu l-proċess ordinarju jaħdem bil-kalma, billi jassikuraw preventivament il-mezzi biex meta tiġi ppronunzjata s-sentenza fil-mertu, jkollha l-istess effikaċja prattika daqslikieku ġiet mogħtija minnufih. Huma jiggarantixxu s-serjeta` tal-funzjoni ġurisdizzjonali billi tħares l-*imperium judicis*; biex is-sovranita` tal-Istat, fl-espressjoni l-iktar għolja tagħha li hija dik tal-ġustizzja, ma tispiċċax f'għadd ta' kliem bla siwi ta' xejn; sentenza tajba biss biex titpoġġa fi gwarniċ u tiddendel mal-ħajt. B'hekk jgħinu lill-attur biex jirkupra l-kreditu tiegħu.

Il-liġi tgħid li l-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat t'inibizzjoni "**jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent" (Art.873(2) Kap 12)**. Fil-prinċipju, huwa ovvju li jekk il-preġudizzju jista' jissewwa ma jkun hemm l-ebda raġuni għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju. Imma fil-prattika ġieli ma jkunx faċli li jiġi stabbilit jekk il-preġudizzju jkunx irreparabbli. Din il-Qorti pero` ma taqbilx li din in-norma għandha tiġi applikata *stricto sensu*, b'tali mod li jekk il-preġudizzju ma jkunx jista' jiġi msewwi f'forma speċifika, jitħalla jsir *per equipollens*. Għalhekk, kif diġa' qalet il-Qorti f'dan il-provvediment, fil-każ taħt kunsiderazzjoni, il-flus m'għandhomx jitqiesu risarċiment minflok il-karika ta' konsulent. Hekk ukoll, fil-fehma ta' din il-Qorti, dannu m'għandux jitqies reparabbli jekk ir-ripristinazzjoni tal-i*status quo ante* tkun tista' ssir biss b'diffikulta` kbira.

Kemm-il darba, iżda, ma jkunx hemm il-*periculum mora*, il-mandat kawtelatorju jinbidel minn mezz ta' difiża u konservazzjoni tad-drittijiet tal-pretiż kreditur għal mezz t'abbuż, strumentalizzazzjoni u saħansitra rikatt kontra l-pretiż debitur – dak li spiss jiġi deskritt f'dan il-*foro* bħala *arm-twisting*.

Il-Qorti għandha għadd ta' setgħat biex tħassar proċessi u deċiżjonijiet amministrattivi. Għandha l-*vires*, fi proċedimenti idonji, fuq istanza tar-rikorrent, li tħassar il-proċess tal-għażla *de quo* u tiddikjara l-għażla tal-konsulent in kwistjoni nulla u mingħajr effett. Li jfisser li r-rikorrent għandu l-għodda disponibbli għalih biex jiddeduċi l-pretenzjoni tiegħu. Għalhekk m'hemmx periklu li fil-mori tas-smigħ tal-proċeduri li jkollu bżonn jieħu, jisfa' fix-xejn id-dritt tiegħu. L-abbli avukat tar-rikorrent semma' każ partikolari li kien iddefenda fil-prattika forensi tiegħu li fih minkejja sentenza favorevoli sab ħafna ostakli. Din il-Qorti iżda m'għandhiex indizji li jwassluha biex taħseb li l-istess storja

sejra tirrepeti ruħha f'dan il-każ. Huwa minnu li r-rikorrent sejjer jgħaddi minn diżaġju mhux żgħir, imma dan ma jiġġustifikax il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha li bih laqgħet il-mandat proviżorjament, tiċħad it-talba tar-rikorrent.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum 31 ta' Mejju 2022.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA